GUDJA

31 ta' Jannar 2011

# Rapport Amministrattiv

## Minn Jannar sa Diċembru 2010
## U Pjan ta' Attivita għas-sena 2011

Il-Kunsill Lokali Gudja huwa magħmul mis-Sindku Sur John Mary Calleja, Sur Romeo Baldacchino bħala Viċi-Sindku u l-Kunsilliri Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace u Anthony Dalli.

Il-Kunsill huwa impenjat sabiex kull kunsillier jaħdem fid-dekasteru tiegħu flimkien ma' kunsillieri oħra sabiex b'hekk il-Kunsill iwettaq il-missjoni u l-għanjiet li għalihom ġie imwaqaf u li jkun ta' siwi u ġid billi joffri solidarjeta u jagħti wens lir-residenti kollha tal-Gudja.

Il-ħidma ta' kull kunsillier hija apprezzata u nagħtu bidu ta' dan ir-rapport billi f'isem in-nies tal-Gudja ngħidulhom Grazzi għall ħidma tagħkom fil-Kunsill.

Il-Kunsill ħadem bla waqfien sabiex inkun qrib tan-nies tal-Gudja u nisimgħu b'dak li qed idejjaqhom u dak li jixtiequ kemm fuq livell personali kif ukoll fuq

livell kollettiv. Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex il-ħajja tan-nies tal-Gudja tkompli tmur għall-aħjar.

Il-Kunsill kompla jaħdem kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell nazzjonali u żamm kuntatt dirett u kontinwu ma' l-awtoritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-servizz meħtieġa għan-nies tal-Gudja.

Dwar dak li huwa xogħol ta' toroq u infrastruttura il-Kunsill kompla jaħdem fuq il-Proġett tal-Mitħna fejn żewġ toroq dik ta' Triq l-Awrekarja kif ukoll Triq Joseph Gravina ikunu asfaltati sewwa.

Sar xogħol sabiex trejqiet fir-raba ikunu aktar aċċessibli speċjalment għal dawk li jaħdmu l-għelieqi. Il-Kunsill għamel ukoll il-preparamenti meħtieġa sabiex Triq Ħal Resqun issir mill-ġdid. F'dan il-qasam il-Kunsill iltaqa ma' ħafna diffikultajiet u kien għalhekk li x-xogħol ma mexxiex kif ippjanat mill-Kunsill.

Sar xogħol ta' patching f'bosta nħawi tal-Gudja iżda f'dan ix-xogħol il-ħidma hija kontinwa għaliex malli tlesti naħa, tkun trid terġa' tibda banda oħra.

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex ġewwa l-Gudja ikollna dawl kull fejn ikun meħtieġ u fl-istess ħin iwarrab il-ħela ta' dawl f'postijiet pubbliċi kif ukoll il-Kunsill ta' sehemu f'kampanji edukattivi ta' kif wieħed għandu jelimina l-ħela ta' dawl.

Il-Kunsill kompla jieħu ħsieb ta' l-ambjent kemm ġewwa l-Gudja kif ukoll fl-inħawi ta' madwar sabeix il-Gudja tkompli tkun apprezzata aktar kemm mir-residenti kif ukoll min dawk li jżuruha kemm matul il-jum kif ukoll fil-għaxija.

Il-ħidma tal-Kunsill fil-qasam ta' l-informattika, sport u edukazzjoni hija kontinwa. Huwa ferm ta' sodisfazzjon ngħidu u niftaħru bil-koperazzjoni li nsibu mill-iSkola Primarja Kulleġġ San Benedittu li flimkien wettaqna proġetti kemm ma' l-istudenti kif ukoll mal-għalliema u l-Kap ta' din l-iskola. L-iskola St. Joan Antide ukoll dejjem tikkopera mal-Kunsill Lokali kull meta l-Kunsill fittex l-għajnuna ta' din l-iskola.

Saru talbiet għal Traffic management f'ċerti zoni u pedestrian crossing f'Dawret il-Gudja. Kien hemm progress iżda l-Kunsill iħoss li għad fadal fejn issir xogħol ma' Trasport Malta sabiex il-ħajja tar-residenti kif ukoll sewwieqa, tkun aktar sigura.

Il-Kunsill iżomm djalogu kontinwu mal-Parroċċa hekk irrappreżentata mill-Arċipriet Fr. Martin Cardona u dan joffri ħafna opportunitajiet li jistgħu igawdu minnhom in-nies tal-Gudja. F'dan ir-rigward il-Kunsill jara kif bil-koperazzjoni u l-ħdima konġunta mal-Parroċċa jinkiseb il-ġid massimu fl-aħjar interess għall-Gudjani kollha kemm tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani.

Dwar iż-żgħażagħ il-Kunsill Lokali Gudja qed jimbarka fuq diversi proġetti fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jipparteċipaw iżjed u juru il-ħiliet tagħhom fosthom fid-Drama u Mużika.

L-Anzjani ukoll għandhom post importanti fil-ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill qed iwettaq ħidma billi jistabilixxi ċentru ta' Edukazzjoni, Taħriġ u Rikreazzjoni ġewwa l-iSkola Primarja tal-Gudja. Dan il-proġett diġa qam lill-Kunsill il-flus sewwa u l-Kunsill jixtieq jappella lil dawk l-anzjani li jixtiequ jingħaqdu mal-Kunsill f'dan iċ-ċentru sabiex jagħtu isimhom u dettalji meħtieġ dwarhom sabiex fi żmien qarib jingħata bidu għal program ta' servizz għall-anzjani u oħrajn minn dan iċ-ċentru. Mhux il-ħsieb tal-Kunsill li dan ikun post għat-tombla jew li l-anzjani jitpoġġew biss bħala Day Centre, iżda l-Kunsill irrid li

dan il-post jagħmlu possibli li l-anzjani li jattendu ġewwa fih jingħataw tagħlim dwar saħħa, iġene, storja, kultura u affarijiet oħra utili sabiex tiġi mħarsa s-saħħa fiżika kif ukoll mentali tal-anzjani tal-Gudja. Sfortunatament il-Kunsill għadu ma rnexxilux jikseb l-għarifien u għajnuna meħtieġa minn sorsi u awtoritajiet governativi dwar dan iċ-ċentru.

F'dan il-perjodu ta' ħidma l-Kunsill ħadem fuq l-aspett soċjali u organizza diversi ħarġiet għall-familja. Dawn il-ħarġiet servew sabiex jinħoloq l-ispirtu ta' djalogu ma' nies ta' kull eta kif ukoll divertiment nadif għal kull min attenda għal dawn il-ħarġiet.

Proġett ewlieni fid-Qasam Soċjali huwa li l-Kunsill għamel ftehim mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u l-Gudja tkun l-ewwel post minfejn dan is-servizz jingħata mill-bini tal-Kunsill. In-nies tal-Gudja żgur jafu l-involviment tal-Kunsill fiċ-ċelebrazzjonijiet li jagħmel dwar Jum il-Gudja, l-Festi tal-Milied kif ukoll dwar Jum il-Qari. F'dawn l-attivitajiet il-Kunsill, għalkemm b'fondi limitati, joħroġ wieħed mill-aħjar Kunsilli Lokali li jgħatu l-aħjar sostenn u divertiment kemm edukattiv kif ukoll ta' rikreazzjoni u kultura għar-residenti.

Dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-indafa pubblika l-Kunsill jinsab minn ta' quddiem net f'dan il-qasam. Il-Kunsill kompla jonfoq u jasigura sabiex fil-Gudja u fl-inħawi ta' madwar ikun hawn indafa massima u jeduka lin-nies li l-iskart iffisser flus. Il-Kunsill kompla fil-ħidma tiegħu dwar is-separazzjoni tal-iskart mal-kumapnija GreenPak u jihder li r-residenti tal-Gudja qed jikkoperaw sewwa mal-Kunsill f'dan il-qasam.

Dwar fondi mill-Ewropa sabiex jitwettaq xogħol u proġetti ta' fejda fil-Gudja il-Kunsill qed jipprepara sabiex filwaqt li jkompli jaħdem fil-qrib mal-MEUSAC, ikun aktar iffokat sabiex ikun il-Kunsill stess li jressaq il-proġetti kif ikunu mixtieqa minn nies tal-Gudja. Fost dawn il-proġetti hemm it-tiżbiħ

taċ-ċentru tar-raħal, ġonna u t-tħaddim ta' Ċentru Edukattiv Life Long Learning. Il-Kunsill ħadem sabiex ikun hemm proġetti fejn żgħażagħ Gudjani marru f'postijiet fl-Ewropa u għamlu suċċes fil-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-proġetti.

F'din is-sena 2010 il-Kunsill ipparteċipa b'suċċess f'After School Sports għat-tfal ta' l-iskejjel u l-Youths on the Move. Il-Kunsill ikollabora ma' diversi għaqdiet sportivi sabiex saru diversi attivitajiet ġewwa l-Gudja li fijhom ipparteċipaw kemm individwi kif ukoll għaqdiet.

Il-Kunsill jinsab impenjat sabiex jikseb fondi minn awtoritajiet u Gvern Ċentrali sabiex issir aktar xogħol ġewwa l-Gudja foshtom fil-Qasam tad-Djar ġewwa tal-Mitħna.

Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex fil-limitazzjoni finanzjarji tiegħu ikun jista' iġib lil Gudja u n-nies tagħha minn ta' quddiem net u joffri kull spazzju u opportunita għal dawk kollha li jkunu jridu jgħinu lil Kunsill fil-ħidma sfieqa tal-Kunsill.

Nixtiequ ninkoraġġixu aktar volontarjat fid-diversi oqsma tiegħu sabiex naħdmu flimkien b'risq il-Gudjani kollha.

Flimkien ngħelbu l-isfidi u niksbu l-aħjar opportunitajiet għaliex il-Kunsill huwa elett minn nies tal-Gudja, jibqa' qrib tan-nies tal-Gudja u jaħdem fl-aħjar interess tan-nies tal-Gudja f'kull żmien mingħajr biża jew favur għaliex il-Kunsill jemmen li l-Gudjani huma nies kapaċi u li l-Gudja jixirqilha l-aħjar.

| | |
|---|---|
| John-Mary Calleja | Joseph Mary Formosa |
| Sindku | Segretarju Esekuttiv |